**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 ta' Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Jesmond Micallef, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 319666M**

*Kumpilazzjoni Nru. 226/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Micallef u ċioè talli:

Nhar is-06 ta' Awwissu 2013 u/jew fil-jiem u/jew ġimgħat ta' wara din id-data, f'Malta:

1. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

> Il-Qorti giet mitluba titratta ma Jesmond Micallef bhala recediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali mtappna tieghu, tal-ammissjoni relattivament bikrija tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment li l-imputat lest jaghmel rizarciment lill-parte derubata li minn naha taghha tenniet li m'ghandha l-ebda interess li l-imputat jinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 334 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat ihallas lid-derubat l-ammont ta' €3,000 fi zmien gimgha millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**